KLR 31/VI/2012

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 19 ta' Jannar 2012 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

1. Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**2. Mill-Minuti**

2.1 Il-membri ġew mgħarfa li l-palm f'taċ-Ċawla H.E. inżabar.

2.2 Il-*bollard* fil-bidu ta' Triq Sant' Indrija ser isir b'mod li jkun jista' jinqala' minħabba li hemm il-garaxxijiet.

**3. Analiżi - Attivitajiet tal-Milied u l-ewwel tas-sena**

Is-Sindku qal li dawn l-attivitjiet kienu suċċess speċjalment l-attivita ta' lejliet l-ewwel tas-sena. Il-permess ta' din l-attivita' u anke' dawk tal-Belt Valletta u tal-Furjana nħareġ sas-02.00 bħal kif kien isir qabel. Il-kunsillier Debrincat ġibed l-attenzjoni li fuq l-istazzjoni Nazzjonali issemmew ħafna l-attivitajiet tal-Belt Valletta u l-Furjana u dik tar-Rabat Għawdex ma ssemmietx. Is-Sindku informa li fuq NET TV saru mill-inqas tlett servizzi. Is-Sindku ssuġġerizxxa li għas-sena d-deħla l-Kunsill għandu jikkunsidra jekk jgħamilx it-tinda l-kbira fi Pjazza Indipendenza. Il-flus li biha titħallas it-tinda jistgħu jintużaw għal aktar *entertainment*. Dwar il-kunċert tal-*Chours Urbanus* hu is-Sindku qal li billi kien ser isir barra, darb'oħra jrid ikun hemm post lest sabiex jekk ikun il-maltemp, il-kunċert isir f'sala ġew. Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li sid ta' ħanut tal-merċa minn Pjazza Indipendenza lmenta, li l-ġnub tat-tinda ma messhomx intramaw daqshekk kmieni. Dan minħabba li l-ħanut tiegħu ma kienx jidher.

**4. Rapport tal-Perit fuq l-offerta ta' l-uffiċċju tal-*customer care* u *refurbihsing* tal-Banca Guiratale**

Wara li nqara r-rapport tal-Perit rigward din l-offerta, l-membri qablu li l-offerta tingħata li J. Portelli Porjects. Il-membri qablu wkoll li jitranġa t-*toliet* u l-kċina ta' l-uffiċċju tas-sular ta' fuq kif ukoll li tinbidel l-art tal-uffiċju isfel.

**5. Ftuħ ta' l-offerta tal-funtana tal-bronż ta' Pjazza San Ġorġ**

Billi ħadd ma tefa' din l-offerta, il-membri qablu li d-data ta' l-għeluq għanda tiġi estiża għal xahar.

**6. Approvazzjoni tal-kontijiet**

Ġew approvati l-kontijiet pendenti. Dan skond dokument A anness. Il-membri qablu li l-kontijiet pendenti ta' John Grima ma jitħallsux għal issa u dan sakemm jitlesta l-*Internal Audit.*

**7. Offerta tal-ġbir ta' l-iskart organiku**

Is-Seg. Eżekuttiv resqet korriposndenza mingħand id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-kuntratti fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li fejn tidħol il-porċedura kuntrattwali, waqt is-sejħa għall-offerti mhuwiex permess li jiġu negozjati prezzijiet. Għaldaqstant il-membri qablu li terġa' tinħareġ l-offerta għal dan is-servizz.

**8. *Pitch* tal-Boċċi fi Triq it-Tabib Anton Tabone**

Is-Sindku ssuġġerixxa li fl-*area* fejn jintlabu l-boċċi f'dan il-piċċ jitpoġġa *playing field equipment*. Il-membri qablu u għaldaqstant għandha ssir DNO fuq il-permess li nħareġ mill-MEPA (PA 0403/07) għal dan il-post.

**9. *Playing Field - Expression of Interest* u Offerti**

Is-Sindku għaraf lill-membri li fil-bidu ta' Frar 2012 ser jinħareġ il-peremss tal-*playing field* li għandna fi Triq taħt Putitrjal. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill joħroġ *expression of interest* fuq il-*playing field equipment* li jista' jintuża. Wara tinħareġ offerta ta' dan l-*equipment* skond x'ikun ntogħġob mill-Kunsill u skond il-kriterji tal-Perit. Barra din l-offerta għanda tinħareġ ukoll l-offerta għall-pavimentar u dak kollu covered mill-fondi ta' Eko-Għawdex.

Il-Kusill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttur għal Eko-Għawdex u Żvilupp Reġjonali, s-sur Anthony Żammit. Dan bagħat konferma fejn il-Kunsill ser jibbenefika €70,000 li hu l-massimu ta'l –applikazzjoni li saret għall-*upgrading* ta' dan il-p*laying field.*

Minn naħħa tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' (KNPD), il-Kunsill irċieva l-*accessibility audit* fejn ġew approvat ix-xogħolijiet proposti li jsriu f'din il-*playing field.*

Mid-Dipartiment għal Gvern Lokali ntabgħtet Memo 123/2011 li tiprojbixxi t-tipjip fil-*playing fields.*

Il-MEPA bgaħtet id-Development Permit Application Report (DPAR) fejn fost l-oħrajn il-Kunsill intalab jagħmel garanzija bankarja ta' €50,000 qabel jinħareġ il-pemess. Il-membri ġew

mgħarrfa lil-Perit tal-Kunsill kiteb lill-MEPA f'dan i-rigward fejn għan-nom tal-Kunsill ilmenta li din il-garanzija his eżaġerata. Is-Sindku ukoll indaga fil-materja u talab li din l-garanzija titneħħa.

**10. Proġett taċ-Ċentru tal-Belt Victoria**

Mill-MEPA il-Kunsill irċieva korrispondenza datata 2 ta' Jannar 2012 fejn intalbu aktar dettalji mingħand il-KNPD u t-Transport Malta (TM). Il-Perit tal-Kunsill diġa' bagħat ir-risposti lill-MEPA.

**11. Korrispondenza**

Is-Seg. Eżekuttiv resqet korrispondenza mingħand:-

11.1 id-Dipartiment għal Gvern Lokali (DLG) fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li:-
11.1.1 l-allokazzjoni għas-sena finanzjarja 2012 hi ta' €499,363. Din żdiedet b'€21,582 mill-allokazzjoni tas-sena li għaddiet;
11.1.2 mill-iskema dwar aċċessibilita' aħjar fil-lokalitajiet, il-Kunsill ibbenefika minn €4,334 li flimkien mal-Ministeru għal Għawdex ser jintużaw sabiex issir rampa quddiem il-knisja tal-Kapuċċini;
11.1.3 mill-iskema dwar inizjattivi ta' attivitejit 2012, il-Kunsill ibenefika minn €7,000 sabiex jiġi orgnaiżżat il-Victoria International Arts Festival;
11.1.4 ġie mmultat €12,613.42 minħabba li l-*finacial statements* (FS) għas-sena 2010 ġew sottomessi tard. Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li spjega ċara tar-raġunijiet għaliex dawn ġew sottomessi tard ġiet mibgħuta kemm lid-DLG u kemm lin-NAO. Ta' min jinnota dawn id-dettlaji:- (i) għas-sena li għalqet 31 ta' Diċembru 2010 l-FS ġew ipreżentati lill-Kunsill fil-laqgħa KLR 23 datata 6 t'April 2010, (ii) nhar il-Ħamis 9 u l-Ġimgħa 10 ta' Ġunju 2011, jiġifieri xahrejn wara, l-awdituri ġew l-uffiċċju sabiex jiffinalizżaw ix-xogħol tagħhom, (iii) il-Kunsill imbgħad kien qed jistenna r-risposta ta' l-Awdituri permezz tal-*management letter* biex tintbagħat ir-risposta tal-Kunsill, (iv) wara diversi telefonati mill-uffiċċju tal-Kunsill sabiex jara f'hiex wasal ix-xogħol ta'l-awdituri, fit-28 ta' Settembru 2011 intbgħatitilhom *email/reminder* li dawn irrispondew li kienu magħfusin bit-*tax retun* u lil-NAO kienu nfuramti b'dan; (v) fis-6 ta' Ottubru 2011 minn naħħa ta'l-Awdituri il-Kunsill irċieva sabiex isiru l-konklużjonijiet finali ta' l-*audit* u wara li ntbgħatu l-aġġustamenti finali ġiet ippreparata l-verżjoni fianli ta' l-*audited accounts* u ġew iffimati mill-Kunsill. Id-deċiżjoni tad-DLG għandha tiġi riveduta;

11.2 it-Transport Malta (TM):-
11.2.1 fejn inħareġ il-permess għal sistema ta' *one way* fi Triq l-iskola u Triq Alfons Maria Ħili. Il-Kunsill għandu wkoll jgħamel il-*parking bays* ġodda f'dawn it-toroq skond kif approvati;
11.2.2 fejn inħareġ il-permess għal *Keep Clear Bay* quddiem l-aċċess ta' FexServ Fianancial Services fi Triq Palma;
11.2.3 fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ma nħariġx il-permess għall-*pedestrian crossing* fi Triq Ġorġ Borġ Olivier;
11.2.4 rigward l-istat li tinsab fiha Triq is-Sellum. Il-membri qablu li meta ma tkunx xita, jsir il-*patching* u jitnaddaf il-ħajt ta' fuq l-arkata u jinbena mill-ġdid;

11.3 Nicholas Cachia li talab għal-*un/loading bay* quddiem 2, Cachia Woodworks fi Triq Borġ Olivier. Din it-talba tintbagħat lit-TM għall-approvazzjoni;

11.4 Anthony Attard li talab *one metre single yellow line* mal-garaxx tar-residenza tiegħu – 'St. Anthony', Triq il-Madonna tal-Ġilju, minħabba li ma jkunx jista' jdaħħal il-vettura tiegħu bil-karozzi pparkjati. Din it-talba ser tintbagħat lit-TM għall-approvazzjoni;

11.5 Galea Cumri Eng. Constultants Ltd, l-*contracts managers* tad-dawl tat-toroq, fejn issuġġerew li jsiru t-tiswijiet neċessarji tad-dawl li hemm mas-sirġar fi Pjazza Indipendenza. Il-membri qablu li jitrnaġaw biss il-bozzoz li huma ta' periklu;

11.6 Dr. Joseph Grech LL.D. għan-nom ta' Francis Fenech, *street hawker* li talb li juża parti mill-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*Bus Terminus* sabiex ikun jista' jbiegħ l-affarijeit tiegħu. Il-Kunsill ma jemminx li għandu jagħti permess ta' *street hawker* fil-parkeġġ il-kbir. Dan ħlief fil-*weekend* u festi pubbliċi għall-kiosks li jbiegħu l-ikel u matul il-ġimgħa għal dawk li jbiegħu il-frott u l-ħaxix;

11.7 residenti fi Triq Mons. Ġużeppi Farruġia, fejn bagħtu petizzjoni rigward il-vandaliżmu u l-abbużi li qed isiru bil-lejl matul il-*weekend* f'din it-tirq u t-toroq oħra tal-viċinanzi. Is-Sindku għarraf lill-membri li malli rċieva din il-petizzjoni tkellem mal-Pulizija u dawn bdew ir-rondi ta' spiss madwar it-toroq in kwistjoni matul il-lejl tal-*weekends*. Filfatt ġew imnaqqsa dawn l-abbużi;

11.8 Silvia Ferraris li hi responsabbli mill-ġemellaġġi fil-Belt ta' Nichelino. Minn naħa ta' Nichelino qed jistiednu lis-Sindku sabiex iżur Nichelino biex jiġu diskussi diveri skambji bejn iċ-ċittadini taż-żewġ lokalitaljiet li ilhom ġemellati għal dawn l-aħħar tlett snin. Il-membri qablu li jibqa' jsir dan il-kuntatt;

11.9 il-Movment ta' Kana Għawdex rigward il-konkors 'Familja Qalb tad-Deheb' sena 2011;

11.10 iċ-Chairperson tal-kumitat organiżżattiv għall-'Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena 2012';

11.11 Emily Barbaro Sant dwar ktieb ġdid li jġib l-isem 'Siltiet mill-Imgħaoddi ta' Ħajti' u mingħand Charles Mifsud dwar pubblikazzjoni ġdida li jisimha 'Il-Blata Tiegħi'. Il-Kunsill għandu *policy* li jixtri biss kotba li jkunu nkitbu minn persuni Rabtin;

11.12 Paul M. Cassar fejn il-Kunsill intbgħatitlu kopja ta' ittra mibgħuta is-Supretendent tal-Pulizija rigward l-egħluq kmieni ta' Triq Vajrinġa qabel tibda l-iskola.

**12. Materji Oħra**

Il-membri qablu li:-

12.1 tinħarreġ stqarija li minbarra fil-medja tintbagħat f'kull residenza u ħanut fir-Rabat. Din sabiex il-pubbliku jkun infuramt li qatt ma kienet l-intenzjoni tal-Kunsill li jissuġġerixxi li Triq Repubblika issir żona pedonali;

12.2 l-Korporazzjoni għas-servizzi ta' l-Ilma tiġi nfurmata li fejn hemm it-toroq miksija bl-i*stencil*, il-permess sabiex isir servizz ta' l-ilma jew tiswijiet, jinħareġ biss jekk l-art tkun ser terġa' tinkesa bl-i*stencil* kif kienet qabel. Dan minħabba li f'toroq bħall Triq Librerija u Triq Sir M'Anġelo Refalo l-art ma tħallietx kif suppost;

12.3 jinbeda l-proċess sabiex tinħareġ offerta biex ir-Rabat kollu jkun kopert minn sistema ta' *wifi*. Il-Kunsill għandu jqabbad persuna li hi ntiża f'dan ix-xogħol sabiex isiru l-i*specifications* ta' din lofferta;

12.4 jsir *water culvert* li jilqa' l-ilma tax-xita mit-tarf ta' Triq Aġuis De Soldanis u jiġi milqugħ ma *water culvert* li hemm fil-qrib fi Triq Palma. Ix-xogħol għandu jsir minn Joseph Mercieca li kien għamel ix-xogħol ta' l-istencil fi Triq Palma;

12.5 jsir protest ġudizjarju kontra d-Dipartiment tas-Sanita' rigward l-istat li jinsab fih il-Wied tal-Lunzjata. Il-Kunsill diġa' kiteb lis-Sanita' sabiex tieħu ħsieb l-ilma maħmuġ li hemm ħiereġ fil-wied;

12.6 il-laqgħa Annwali tal-Lokalita' ssir nhar it-Tnejn 6 ta' Frar 2012 fis-19.00;

12.7 jinħareġ fuljett fejn il-Kunsill juri x-xogħol li sar fuq l-erba' niċċeċ li ġew restawrati. Ser jintużaw ritratti li ħa Joe Zammit;

12.8 jsiru tlett bankini ġodda. Dawn huma:- (i) fi Triq Sette Gugnio mad-dar ta Grima kantuniera ma Triq it-23 t'April. Dan minħabba li l-vetturi qed jipparkjaw eżatt mad-dar li tinsab fil-kantuniera, (ii) it-tieni bankina li tinsab fi Triq Sir Paul Boffa, intalbet xi xhur ilu u qatt ma saret minħabba xi diffikultajiet. Din għandha ssir wara l-parir tal-Perit, (iii) u quddiem 29, Triq Sir Arturo Mercieca peress li hi miksura.

12.9 billi fi Trejqet l-Exchange hemm parti mill-bankina li tiżloq (quddiem in-numru 6), għandu isir *non-slip tape*;

12.10 bħala attivita' tal-karnival, il-Kunsill jamplifika l-attivita' li ssir is-Sibt filgħodu li tiġi organiżżata mit-Taqsima tal-Kultura. Dejjem sakemm ikun possibli u fl-aħjar interess.

12.11 sa l-aħħar ta' Frar 2012, ir-*Road Construction* għandha tiġi mgħarrfa li jekk ma tlestix ix-xogħol li kellu jsir bi Triq Pompei, il-Kunsill iżomm id-dritt li jwaqqa l-istima li ntalbet;

12.12 titqaxxar l-aħħar parti ta' Triq Wied Żejta peress li hi ta' periklu għas-sewwieqa bil-ħsarat li fiha. Għandu wkoll jitnaddaf gandott li hemm fi Triq is-Sellum li minnu kien jgħaddi l-ilma tax-xita għal ġol-wied. Il-ħajt fuq l-arkata tranġat ukoll minn naħħa ta' Joseph Scibberras li kien imqabbad jgħamel il-*patching* ġenerali mat-toroq li kellhom bżonn;

12.13 ssir *write off* ta' *camera* tar-ritratti. In-*net book value* tagħha hu ta' €95.39 (code OE0026);

12.14 jiġġedded il-*vacation leave* li baqalu l-istaff għas-sena 2012. Is-Seg. Eżekuttiv baqalha 3 siegħat u nofs, l-*assistant princiapal* baqalha mitt siegħa u tlett kwarti u l-iskrivan baqgħalu erbgħa u sebgħin siegħa;

Il-membri ġew mgħarrfa li :-

12.15 l-Kunsill irċieva l-amont ta' €587,02 mir-Reġjun ta'Għawdex rigward l-parteċipazzjoni tas-Sindku u l-Viċi Sindku li tkopri l-i*study visit* li saret fi Brussell f'Novembru 2011;

12.16 l-Kunsill irrapporta lill-MEPA, rampa mibnija illegalment fil-Wied tal-Lunzjata qabel ma taqbad ir-raħal ta' Kerċem;

12.17 il-Kunsill irraporta lill-MEPA, struttura ta'l-injam li tinsab fil-parkeġġ iż-żgħir ta' Pjazza l-Assedju t'Għawdex. Din l-istruttura qed tintuża bħal *work shop.*

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Frar 2012.

Av. Samuel Azzoaprdi
Sindku

Miriam Attard
Seg. Eżekuttiv